# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 30 ta' April, 2001**

**Numru 1**

**Citaz. Nru. 276/00GV**

**Doc. Nru. 69-01**

**Kevin Falzon**

**vs**

**Il-Prim Ministru**
**u**
**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti,

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha l-attur ippremetta illi l-attur kien fis-servizz bhala kuntistabbli fil-Korp tal-Pulizija.

U premess illi l-attur dejjem qeda dmiru sewwa u dejjem ghamel l-almu tieghu sabiex josserva r-regolamenti kollha u l-ordnijiet moghtija lilu mis-superjuri tieghu.

U premess illi f'okkazzjoni wahda u izolata l-attur gie rinfaccjat u mtellgha l-Qorti akkuzat bi traffikar illegali ta' armi u pussess ta' munizzjon.

U premess illi l-attur gie liberat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali mir-reat l-aktar serju ta' traffikar ta' armi u instab hati biss li kellu fil-pussess tieghu tlett pallottoli u inghata l-multa minima skond il-ligi, jigifieri dik ta' tletin lira Maltin (Lm30).

U premess illi waqt dan il-process gudizzjarju, l-attur ircieva komunika informali mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jirrezenja mill-Korp tal-Pulizija.

U premess illi l-attur m'accettax illi jaghmel dan ghaliex huwa hass illi ma kien ghamel xejn li jimmerita dan.

U premess illi sussegwentement l-attur ircieva ittra datata tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar, 2000 iffirmata mill-Kummissarju tal-Pulizija, fejn l-attur gie informat illi a bazi ta' l-Artikolu II (i) u (iii) tal-Kapitolu 164 tal-Ligijiet ta' Malta l-Prim Ministru iddecieda illi l-attur jigi imnehhi mill-Korp tal-Pulizija, liema ittra kopja taghha qed tigi annessa u immarkata Dok. A.

U premess illi dan l-agir tal-konvenuti jew min minnhom jikkostitwixxi ghemil amministrattiv diskriminatorju fil-konfront ta' l-attur u dan ghar-raguni illi kien hemm persuni ohra fis-servizz tal-Korp tal-Pulizija li gew rinfaccjati u misjuba hatja ta' reati kriminali ferm aktar serji minn dik ta' l-attur, izda xorta baqghu fil-Korp tal-Pulizija.

U premess illi l-attur ihoss illi huwa ma inghatax l-opportunita' illi jiddefendi l-posizzjoni tieghu f'tali proceduri.

U premess illi l-ghemil amministrattiv tal-konvenuti jew min minnhom jikkostitwixxi bl-aktar mod car, abbuz ta' poter da parti tal-konvenuti jew min minnhom.

L-attur talab li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara l-ghemil tal-konvenuti jew min minnhom null, invalidu u minghajr effett u dan abbazi tal-Artikolu 469A(I)(a), 469A(I)(b)(ii) u (iii) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna illi l-attur jerga' jidhol fis-servizz tal-Korp tal-Pulizija fi zmien qasir u perentorju.

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur minhabba l-agir tal-konvenuti jew min minnhom.

4. Tordna l-hlas tas-somma hekk likwidata favur l-attur mill-konvenuti jew min minnhom.

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol 2;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol 8 fejn eccepew:

1. Illi fl-ewwel lok din il-Qorti m'ghandhiex kompetenza li tistharreg u tiddeciedi t-talbiet ta' l-attur ai ermini ta' l-istess Artiklu 469A.

   Dan l-artikolu jaghmilha cara li t-terminu "ghemil amministrattiv" ma jinkludiex xi haga li ssir bl-ghan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni

interna fl-istess awtorita'. Inoltre kif stabbilit fil-gurisprudenza, din il-Qorti m'ghandhiex kompetenza biex tiddeciedi f'materja ta' mpjieg governattiv.

2. Illi isegwi ghalhekk li t-tkeccija ta' l-attur mhiex sindakabbli mill-Qorti.

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, t-talbiet kollha ta' l-attur huma bla fondament guridiku jew fattwali inkwantu ma kienx fl-interess pubbliku li ufficjal tal-Pulizija jithalla fil-kariga b'kundanna mill-Qorti tal-Magistrati u b'aspetti karatterjali li ma jixirqux mar-responsabilitajiet u mad-dmirijiet ta' membru fil-Korp tal-Pulizija.

   Illi hu stabbilit bhala principju legali, suffragat ukoll minn gurisprudenza kostanti, il-Qorti m'ghandhiex kompetenza biex tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik ta' l-awtorita' ezekuttiva u tinterpreta hi x'inhu l-interess pubbliku f'dawn ic-cirkostanzi.

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, il-Qorti m'ghandha l-ebda kompetenza li tordna dak li hemm mitlub fit-tieni talba anki f'azzjoni fejn jista jsir l-istharrig gudizzjarju. Inoltre l-ebda danni ma gew kawzati mill-eccipjenti lill-attur u ghalhekk it-tielet u raba' talba huma bla bazi guridika u fattwali.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat in-noti tal-partijiet;

**TALBA**

L-attur qed jitlob li dina l-Qorti tiddikjara l-ghemil tal-konvenuti jew min minnhom null, invalidu u minghajr effett u dana abbazi ta' l-artikolu 469A(1)(b)(ii)u (iii) tal-Kap 12; tordna illi l-attur jerga' jidhol fis-servizz tal-Korp tal-Pulizija fi zmien qasir u perentorju; tillikwida d-danni sofferti mill-attur minhabba l-agir tal-konvenuti jew min minnhom; tordna l-hlas tas-somma hekk likwidata favur l-attur mill-konvenuti jew min minnhom

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuti eccepew preliminarjament li dina l-Qorti m'ghandiex kompetenza li tistharreg u tiddeciedi t-talbiet ta' l-attur a termini ta' l-istess artikolu 469A. Dan l-artikolu jaghmilha cara li t-terminu "ghemil amministrattiv" ma jinkludiex xi haga li ssir bl-ghan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita'. {469A(2)} Inoltre kif stabbilit fil-gurisprudenza dina l-Qorti m'ghandiex kompetenza biex tiddeciedi f'materja ta' impjieg governativ.{469A(6)}

Illi jsegwi ghalhekk li t-tkeccija ta' l-attur mhiex sindakabbili mill-Qorti.

**KONTESTAZZJONI**

L-attur qed jitlob li jigi dikjarat li l-ghemil tal-konvenuti huwa null, invalidu u minghajr effett u dana abbazi ta' l-artikolu 469A(1)(b)(ii) u (iii) tal-Kap 12 u dana billi l-ghemil tal-konvenuti jikkostitwixxi ghemil amministrattiv diskriminatorju (abbuz ta' principji ta' gustiizzja naturali) u abbuz ta' poter.

L-attur issottometta li ghalkemm fl-artikolu 469A id-definizzjoni ta' ghemil amministrattiv ma tinkludix xi decizjoni li ssir bl-ghan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-awtorita' governativa, izda wiehed irid jiehu dan

kollu fl-isfond tad-dritt amministrattiv in generali u l-izviluppi li sehhu fil-kamp ta' dan id-dritt.

Il-konvenuti minn naha l-ohra issottomettew li l-artikolu 469A ma japplikax ghal kaz billi ghall-applikabilita' ta' l-istharrig gudizzjarju mill-qrati taht l-artikolu 469A tal Kap 12 l-ghemil amministrattiv ma jinkludix xi haga li ssir minn awtorita' pubblika bl-ghan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita'. Fit-tieni lok billi kwistjonijiet dwar impjieg fis-servizz pubbliku huma materja ta' amministrazzjoni pubblika vestita f'organi u awtoritajiet disinjati mill-kostituzzjoni u sottratti mill-intervent tal-qrati. Dan ma jfissirx li mpjegat m'ghandux garanziji li jigu mharsa l-principji tad-dritt naturali, imma jezistu ghalhekk l-organi kostituzzjonali appoziti bhal Public Service Commission u dak li jiddisponi l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni. Il-konvenuti rriferew ghas-sentenzi H.Borg vs P.M. et PA GV 781/96GV deciza fit-tnejn (2) ta' Ottubru, 1997 u Spizjar A.Darmenia noe et vs Onor.Dr.G.Borg Olivier noe et tat-tmintax (18) ta' Frar, 1966.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi s-sentenza fuq citata Borg vs P.M. kienet giet appellata u l-Qorti ta' l-Appell kienet iddecidiet li b'sentenza taghha tad-disgha (9) ta' Frar, 2001 li hi ma setghetx tikkondividi l-interpretazzjoni moghtija minn dina l-Qorti ta' l-artikolu 469A(1) tal-Kap 12 specjalment li s-sub-inciz 6 kien a priori jezawtora l-Qrati ordinarji mill-kompetenza dejjem u f'kull kaz fejn jidhlu r-relazzjonijiet bejn il-Gvern u l-impjegati tieghu fis-servizz civili. L-interpretazzjoni ta' l-ewwel Qorti kienet bazata fuq gurisprudenza sorpassata li ma tiehux kont ta' zviluppi li saru f'dan ir-rigward kemm fil-kamp tad-dritt amministrattiv kif ukoll fil-kamp tad-dritt kostituzzjonali u konvenzjonali. F'dik is-sentenza saret referenza ghall-sentenza ohra tal-Qorti ta' l-Appell tal-hamsa ta' Ottubru, 1998 (5/10/1998) fl-ismijiet C.Magri vs Kum tal-Pulizija et

App" fejn hemmhekk l-attur kien ukoll membru tal-Korp tal-Pulizija u giet investita l-kwistjoni tal-insindikabilita' tal-operat tal-Gvern fir-rigward tal-impjegati tieghu, li maghhom ikollu kuntratt ta' xoghol.

Il-Qorti ta' l-Appell f'dika is-sentenza kienet qalet li waqt li kienet taqbel li is-sub inciz 6 kien espressament jeskludi lis-servizz mal-Gvern mill-kontroll ta' kull ligi ohra li tirregola l-kuntratt ta' servizz jew ta' impjieg, b'mod specifiku teskludi l-applikazzjoni tal-Kodici Civili, dak l-istess sub-inciz jassoggetta s-servizz pubbliku mal-Gvern ghal provvedimenti ta' disposizzjonijiet specjali li jirregolaw dan ir-rapport specjali fir-rigward ta' l-ingagg, kondotta u terminazzjoni ta' dak l-impjieg. Dawk id-disposizzjonijiet specjali jorbtu wkoll allura lill-amministrazzjoni li hi obbligata fir-relazzjonijiet taghha ma' l-impjegati li tosserva dawk il-provvedimenti ntizi biex jittutelaw proprju dawk il-jeddijiet tal-haddiema tal-Gvern kontra min ihaddimhom.

F'dan ir-rigward il-Qorti rrilevat l-istess zvilupp gjurisprudenzjali li evolva fil-gjurisprudenza tal-Qorti Ewropeja dwar l-applikabilita' ta' l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja u dwar jekk setghax jinghad li materji li jirrigwardaw dan l-impjieg pubbliku kienux jinvolvu determinazzjoni ta' civil rights and obligations.

F'dan l-isfond ghalhekk m'ghadiex valida s-sottomissjoni tal-konvenuti li l-Qorti ordinarji m'ghandhomx kompetenza biex jiddeciedu f'materja ta' mpieg governativ u li huma kienu a priori ezawtorati f'kull kaz fejn jidhlu r-relazzjonijiet bejn il-Gvern u l-impjegati tieghu fis-servizz civili.

Il-Qrati ordinarji huma vestiti bil-gjurisdizzjoni biex jindagaw, f'ezercizzju interpretattiv tas-sub-inciz (6) ir-relazzjoni kontrattwali bejn il-Gvern u l-impjegati tieghu. Din id-disposizzjoni ma teskludix illi r-rabta specjali li

ghandu l-Gvern ma' l-impjegati fis-servizz tieghu, kienet ukoll tikkreja drittijiet u obbligi - anke jekk specjali - li l-kontraenti kienu obbligati josservaw.

L-artikolu 469A(6) jitkellem dwar rapport specjali regolat b'disposizzjonijiet specifikatament applikabbili ghalih, apparti minn pattijiet u kondizzjonijiet stabbiliti minn zmien ghal zmien mill-Gvern. Dan ir-rapport jaghti lok ghal drittijiet u obbligi reciproci, u allura l-inadempjenza minn xi parti ta' obbligu regolat b'tali disposizzjonijiet specjali, jaghtu lok ghal pagament jew danni fejn dan jkun hemm inadempjenza.

Taht dawn id-disposizzjonijiet specjali hemm l-Ordinanza dwar il-Pulizija (Kap 164) li tirregola l-procedura ta' dixxiplina f'dak is-servizz. Dan l-att jaghti lill-amministrazzjoni pubblika setghat wiesgha fit-tmexxija ta' dak is-servizz pubbliku imma wkoll jimponi limitazzjonijiet intizi biex jipprotegu lill-membri f'dak is-servizz. Ufficjal pubbliku ghandu dritt jazzjona lill-Prim Ministru u l-Kummissarju tal-Pulizija biex jikkontesta t-tkeccija tieghu bhala illegali jew ingusta jekk xi wahda mir-rekwiziti taht l-Ordinanza ma gietx osservata. Ghalhekk ai fini ta' l-artikolu 469A(2) ma jistghax jinghad f'dan il-kaz li din hi semplicement kwistjoni ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fil-pulizija imma l-attur qed jikkontesta l-mod kif imxiet l-amministrazzjoni fil-konfront tieghu.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, bl-ispejjez kontra l-konvenuti u tiddiferixxi l-kawza ghal-kontinwazzjoni ghall-hdax (11) ta' Gunju, 2001 fl-10.15am.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**